# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2616

**Kaz Nru. 3208/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Pauline Basile Pace**

**u**

**Malta Football Association**

***(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).***

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) moghtija nhar 23 ta' April, 2018 mill-Onor. Imhallef Anthony Ellul, fl-Appell numru 23/2017 dwar il-Kwistjoni tax-xoghol Kaz Nur 3208/HW Decizjoni 2437 datata 27 ta' April, 2017 bejn Pauline Basile Pace vs Malta Football Association.**

**Fis-sentenza tieghu l-Onor. Imhallef Anthony Ellul qal li kull parti appellat mis-sentenza, ir-rikorrenti permezz ta' rikors u l-intimata permezz ta' appell incidentali.**

**Dwar ir-rikors tal-appell principali, l-Onor. Imhallef Anthony Ellul qal li r-rikorrenti lmenta li fil-waqt li t-Tribunal Industrijali sab favur taghha li t-tkeccija kienet ingusta u bi ksur tal-ligi, r-rimedju moghti ma kienx wiehed xieraq u skond il-ligi, sabiex tissewwa l-hsara li hija sofriet konsegwenza tal-fatt li ma nghatatx smiegh xieraq fil-process tal-licenzjament taghha. Tishaq li r-rizultat naturali ta' Decizjoni fejn inghad li gie lez id-dritt taghha ghal smigh xieraq bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali, kellu jkun mhux biss li tinghata lura l-impieg taghha izda li titpogga lura fis-sitwazzjoni li kienet fiha qabel ma tilfet l-impieg, sabiex b'hekk titqieghed fl-istatus quo ante u tghaddi minn process ta' dixxiplina li jattwa l-principju ta' gustizzja naturali.**

**Ghalhekk l-applenti principali titlob riforma fid-decizjoni appellata u fil-waqt li titlob konferma safejn gie deciz li t-terminazzjoni tal-impieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi, u fejn ordnat li hija ghandha tinghata l-impieg lura, tibdilha billi tordna li l-Assocjazzjoni ntimata thallasha dawk l-arretrati ta' pagi u hlasijiet statutorji li akkumulaw mid-data tal-licenzjament sad-data ta' l-ingagg mill-gdid u tordna li l-intimata ghandha tiffaccja proceduri dixxiplinari a bazi ta' akkuza bil-miktub u jibqa impregudikat il-jedd tal-appellanti ghal revizjoni ta' eventwali decizjoni dixxiplinarja minn Tribunal Indipendenti.**

**Minn naha ta' l-Assocjazzjoni talbet li fil-waqt li jigi michud l-appell principali, jintlaqa l-appell incidentali taghha billi tigi revokata, mhassra u annullata d-decizjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tas-27 ta' April, 2017 u konsegwentement tichad it-talbiet kollha ta' Pauline Basile Pace, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.**

**Fis-sentenza tieghu, l-Onor. Imhallef Anthony Ellul cahad l-appell incidentali ta' l-Assocjazzjoni u ddecieda wkoll li l-Qorti m'hijiex se thassar id-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali li r-rikorrenti terga tinghata l-impjieg li kellha. L-Qorti ta' l-Appell ddecidiet wkoll li peress it-Tribunal Industrijali naqas milli jiddeciedi dwar it-talba relatata mal-hlas li tippretendi r-rikorrenti tibghat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeciedi dwar dik it-talba.**

**It-Tribunal Industrijali sejjah il-partijiet biex jibda jisma l-provi u bl'ghan li jasal ghal Decizjoni skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kif giet deciza mill-Onor. Imhallef Anthony Ellul.**

**Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kienet assistita minn Dr Aron Mifsud Bonnici u ghal-Assocjazzjoni ntimata ressaq il-Kaz Dr Kieth A. Borg.**

**Fin-nota li ghamlet ir-rikorrenti lit-Tribunal Industrijali qalet li nvista tat-trapass taz-zmien mit-terminazzjoni tal-impjieg u fid-dawl tal-fatt li**

**mix-xhieda rrizulta li hija ma tkunx milqugha tajjeb fuq il-post tax-xoghol, hija tqis li ma jkunx ghaqli li hija tirritorna lura fl-impjieg mal-MFA.**

**Fl-Isqtarrija taghha hija tghid ukoll, li l-pretensjonijiet taghha ghal kumpens huma li hija kellha €1,300 fix-xahar u ghaldaqstant qed titlob kumpens li jammonta kif jidher hawn that :-**

| | |
|---|---|
| **Minn Jannar 2014 sa Dicembru 2017 €15,600 x 4 snin** | **= €62,400** |
| **Jannar – April 2018** | **= € 5,200** |
| **Sub-total** | **€ 67,600** |
| **Inflazzjoni (10%)** | **€ 6,670** |
| **Kumpens totali mitlub** | **€ 74,360** |

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti iddikjarat ukoll, li f'dan il-perjodu mit-temm ta' l-impjieg taghha mill-MFA hija ma hadmitx u bdiet tahdem f'April, 2018 bhala casual worker man-negozju tal-familja u dan minghajr hlas. Hija tghid ukoll, li ma rceviet l-ebda beneficcju socjali ghajr dak tac-children allowance.**

**Ghan-naha ta' l'Assoccjazzjoni jinghad, li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' April, 2018 hija rrimettiet l-atti lil dan it-Tribunal 'l ghaliex skont din l-istess Qorti, dan it-Tribunal "naqas milli jiddeciedi dwar it-talba relatata mal-hlas li tippretendi r-rikorrenti". Dan ghalhekk, baghtet l-atti lura sabiex dan it-Tribunal "jiddeciedi dwar dik**

**it-talba". Ghalhekk, dan ma jfissirx li dan it-Tribunal irid jordna kumpens izda jfisser illi dan it-Tribunal irid jikkunsidra u jiddeciedi din it-talba. Hija tghid ukoll u tissottometti li kwalunkwe interpretazzjoni ohra tkun fallaci.**

**L-Assocjazzjoni tghid ukoll, li dwar l-ewwel dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti fin-nota tal-1 ta' Awwissu, 2018 l-esponenti tosserva li din hija kontradittorja mad-Decizjoni ta' dan it-Tribunal tas-27 ta' April, 2017 fejn iddecieda li r-rikorrenti terga tinghata lura l-impieg taghha mal-Malta Football Association. Apparti dan, l-esponenti ma thossx li dan it-Tribunal, f'dan l-istadju huwa adit li jbiddel din id-Decizjoni tieghu. Id-direzzjoni tal-Qorti tal-Appell hija wahda cara.**

**L-Assocjazzjoni tghid ukoll, li dwar it-tieni dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti fin-nota tal-1 ta' Awwissu, 2018 tissottometti li din tehtieg li tigi kkunsidrata fid-dawl ta' l-ewwel premessa u ta' dak espost f'punti numru tlieta u erbgha ta din in-nota. Fi kwalunkwe kaz, il-pretensjoni riportata hija wahda, li jekk tigi kkunsidrata minn dan it-Tribunal, jehtieg li tigi hekk kunsidrat fid-dawl ta' diversi fatturi fosthom ir-raguni 'l ghaliex ir-rikorrenti ma sabitx impjieg salarjat.**

**L-Assocjazzjoni tghid ukoll, li dwar it-tielet dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti fin-nota tal-1 ta' Awwissu, 2018 tissottometti li n-negozju tal-familja li ghalih taghmel riferenza ghalih huwa x'aktarx l-istess wiehed li din inqabdet tmexxi fil-hin tax-xoghol meta hija kienet impjegata fi**

**hdan il-Malta Football Association. Hija tghid ukoll, li l-fatt dwar jekk l-involviment taghha f'dan in-negozju kienx wiehed salarjat jew le huwa ghalhekk irrelevanti. L-Assocjazzjoni tghid li din id-dikjarazzjoni tehtieg kontrol tramite d-debita depozizzjoni tar-rikorrenti.**

**L-Assocjazzjoni tghid ukoll, li r-raba dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti fin-nota ta' 1 ta' Awwissu, 2018 ghandha wkoll li tehtieg tigi sostanzjata bid-debita prova.**

**L-Assocjazzjoni tghalaq l-Istqarrija taghha fejn tghid, li l-esponenti umilment tissottometti 'lli hija x-xewqa taghha li tressaq provi ulterjuri mehtiega sabiex dan it-Tribunal jasal ghad-decizjoni ulterjuri tieghu.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid, li hija kienet qed tirrinunzja li tigi reinstated fix-xoghol ma l-Assocjazzjoni u dan ghar-raguni li kif jirrizulta mill-provi tal-kaz inkwestjoni hija kienet ghaddiet minn diversi problemi mal-bidla fil-Presidenza ta' l-Assocjazzjoni li kien wera bic-car, li hija kienet giet imwarba u ghamlulha l-hajja tax-xoghol difficli u dan ghas-semplici raguni ghax kienet tahdem mal-President ta' qabel. Ghaldaqstant hija tghid, li ma setghetx tmur lura fix-xoghol li kellha meta kienet taf minn dak li diga kienet ghaddiet minnhu.**

**Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll, li matul il-perjodu li damet bla mpieg hija ma kienitx hadmet u lanqas applikat biex tahdem u dan ghar-ragunijiiet ghax kienet qed tistenna li jkun hemm Decizjoni mit-**

**Tribunal Industrijali u hasbet li din ma kienitx se tiehu fit-tul taz-zmien. Hija tghid wkoll, li ma kienitx hadmet ghax kellha zewg ulied x'tiehu hsieb kif ukoll, hija hassietha skomda li tapplika ghal impieg ghar-raguni li meta kien se jkolla xi nterview ma kienitx komda li tghidilhom li giet imkeccija mill-impieg fuq allegat assentejizmu.**

**Ghan-naha ta' l-Assocjazzjoni dwar il-kumpens qalet li dan it-Tribunal Industrijali mhux bil-fors li kellu jiddeciedi fuq kumpens u dan ghar-raguni li fis-Sentenza taghha l-Qorti ta' l-Appell qalet li t-Tribunal Industrijali ghandu jiddeciedi jekk ghandux jkun hemm kumpens.**

**L'Assocjazzjoni tghid ukoll, li jekk dan it-Tribunal Industrijali kellu jikkunsidra xi kumpens huwa ghandu jiehu nkonsiderazzjoni li kienet ir-rikorrenti li ma accettatx ir-rimedju li ta' dan it-Tribunal Industrijali dak, li terga tidhol lura fl'impieg u ghaldaqstant li baqghet minghajr xoghol kienet l-ghazla taghha.**

**L'Assocjazzjoni tghid wkoll, li sakemm giet moghtija d-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali tas-27 ta' April, 2017 ir-rikorrenti lanqas ghamlet hilitha biex issib impieg ghax la qatt applikat ghal impieg u lanqas irregistrat mal-Job Plus biex issib impieg. Ma dan, hija lanqas qatt ma applikat biex tibbenefika mis-servizzi socjali.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel apsett li jikkunsidra huwa s-Sentenza**

**moghtija mill-Imhallef Anthony Ellul fil-Qorti tal-Appell, Appell numru 23/17 fejn fis-sentenza jghid li "Fir-rigward tal-appell tar-rikorrenti tillimita ruhha biex tiddikjara li t-Tribunal Industrijali naqas milli jiddeciedi dwar it-talba relatata mal-hlas li tippretendi r-rikorrenti u ghaldaqstant tibghat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeciedi dwar dik it-talba".**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra ukoll, li fid-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali Kaz Nru 3208/HW bejn dawn iz-zewg partijiet Decizjoni 2473 datata 27 April, 2017 li kif qal tajjeb l-Onor Imhallef Anthony Ellul fis-sentenza tieghu, li it-Tribunal Industrijali naqas milli jiddeciedi dwar it-talba relatata mal-hlas li tippretendi r-rikorrenti. Pero ta' min jinnota wkoll li t-Tribunal Industrijali ma kienx f'pozizzjoni li jillikwida kumpens u dan peress li ma gew mressqa l-ebda provi mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal Industrijali fir-rigward ta' indikaturi biex it-Tribunal Industrijali jiehu nkonsiderazzjoni meta jillikwida kumpens li ghandu jithallas lill-impjegat. Hekk per ezempju ma tressqu l-ebda provi dwar il-qligh li kellha fl'impieg kif ukoll xi sforzi saru biex isib impjeg jew jekk kienx hemm beneficcji socjali relatati max-xoghol u cirkostanzi rilevanti ohra. Ghaldaqstant, invista li ma gietipprezentata l-ebda nformazzjoni lit-Tribunal Industrijali ta' dak li kienet qed tippretendi r-rikorrenti, l-istess Tribunal Industrijali ma kienx f'qaghda li jillikwida kumpens.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li sar jaf fid-dettal dwar il-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghal kumpens kien matul dawn il-procedura wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kienet fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2018 li r-rikorrenti d-dikjarat wkoll li ghal diversi ragunijiet fosthom li kienu ghaddew numru ta' snin minn meta spiccat mill-impieg kif ukoll, li peress li kienet ittratta hazin minn meta saret il-bidla fil-Presidenza tal-Malta Football Association kien ikun ahjar li hija ma tirritornax fl'impieg li kellha.**

**It-Tribunal Industrijali meta jibda biex jezamina l-formola ghal kumpens kif prezentata mir-rikorrenti isib li r-rikorrenti qed tghamel talba ghal kumpenss ghal perjodu kollu li damet barra mill-impjieg kif ukoll, li qed tghamel talba biex ikun hemm kumpens ta' 10 fil-mija biex tghamel tajjeb ghal inflazzjoni.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-formola li qed tapplika r-rikorrenti ghal kumpens qed timplika li l-limitu taz-zmien ghal kumpens ghandu jkun sa kemm kien hemm s-sentenza mill-Qorti ta' l-Appell, pero it-Tribunal Industrijali jrid jiehu nkonsiderazzjoni aspetti ohra u l-ewwel aspett li jiehu huwa, li r-rikorrenti qed tassumi li kien hemm xi garanzija ta impjieg minghand min qed ihaddem kif ukoll, li hi kienet qed tghati xi garanzija ta' impjieg li kienet se tibqa fl'impieg ghal dan il-perjodu kollu taz-zmien tax-xoghol. It-Tribunal Industrijali**

**jiehu wkoll inkonsiderazzjoni meta fix-xhieda tar-rikorrenti tghid, li hija f'dan il-perjodu ma rregistratx mal-Jobs plus biex issib impjieg u lanqas qatt ma applikat ghal xi nterview biex issib impieg ghar-raguni, li hija ghandha zewg titfal zghar u riedet tiehu hsiebhom. Dan it-Tribunal Industrijali jhoss li din ir-raguni m'hix valida ghaliex kieku hi baqghet fl'impieg riedet ukoll tiehu hsieb it-tfal taghha u ghaldaqstant kieku sabet impieg gdid setghet tghamel l-istess arrangamenti li kienet tghamel meta kienet impjegata ma' l-MFA.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jiehu nkonsiderazzjoni wkoll, raguni ohra li gabet ir-rikorrenti dak li ma applikatx biex issib impieg, ir-raguni li hija hassietha skomda li tapplika u fl'interview tispjega li fl'ahhar impieg li kellha dan kien gie terminat minhabba li l-employer kien akkuzahha b'assentejezmu. Dan it-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra din ir-raguni hu tal-fhema, li din mhix raguni valida ghax min hu nvolut fid-dinja tax-xoghol kulhadd jaf li problemi ta' din ix-xorta jinqalghu u specjalment meta hija setghet tispjega li l-problema li kellha fuq il-post tax-xoghol kienet tmur aktar lil hinn minn hemm u li dawn hafna minnhom gew ikkawzati mill-bidla fil-Presidenza ta' l-Assocjazzjoni u l-konflitt li kien hemm bejn il-President prezenti ma dak ta' qablu huma pubblici.**

**Ghaldaqstant, f'dawn il-kunsiderazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz fosthom; li rrikorrenti meta kienet fl'impieg sofriet minn trattament hazin fuq il-post tax-xoghol,**

**hija giet imwarrba mix-xoghol li kienet qed tghamel u dan ghar-raguni biss ghax kien hemm bidla fil-Presidenza ta' l-Assocjazzjoni kif ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet giet dikjarata mit-Tribunal Industrijali li kienet ingusta u bi ksur tal-ligi. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra dawn l-aspetti kollha tal-kaz specjalment it-trattament hazin li rceviet jifhem li hemm raguni valida li r-rikorrenti qed tirrinunzja li terga tmur lura fl'impieg.**

**Meta dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jasal ghal konkluzjoni, li r-rikorrenti ghandha tkun intitolata ghal kumpens finanzjarju.**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tieghu biex jghati kumpens irid jikkunsidra diversi aspetti tal-kaz u mhux sempliciment jara kemm impjegat dam zmien minghajr impjieg.**

**It-Tribunal Industrijali fil-kunsierazzjonijiet tieghu ghandu wkoll jezamina kemm l-impjegat ghamlet hilitha biex issib impieg. It-Tribunal Industrijali jinnota, li mill-provi li gew imressqa quddiemu r-rikorrenti ma ghamlet l-ebda applikazzjoni biex issib impieg u lanqas irregistrat mal-Jobs Plus biex tipprova ssib impieg alternattiv. It-Tribunal Industrijali jinnota li r-rikorrenti ddecidiet li tastjeni milli tippartecipa fid-dinja tax-xoghol.**

**Invista ta' dawn ic-cirkostanzi kollha msemmija hawn fuq, wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konluzjoni, li r-rikorrenti ghandha tinghata kumpens minghand il-Malta Football Association li jammonta ghal €46,800 (sitta u erbghin elf u tmien mitt euro) u liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Data : 1 ta' Ottubru, 2019**